MINUTI

Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Santa Venera

# 9 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 6

**It-Tnejn, 28 ta' Ottubru, 2019**

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, fil-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Dott. Darren Carabott | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |
| Is-Sa Courtney Farrugia Darren | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa b'urġenza

## 1. Ħatra Segretarju Eżekuttiv

Mal-ftuħ eżatt tal-laqgħa, is-Sindku staqsa lil wieħed mill-membri Dott. Darren Carabott jekk kienx qiegħed personalment jirrikordja minn fuq il-mobajl. Dott. Carabott informa li iva kien qiegħed jirrekordja. Is-Sindku nforma lil Dott. Carabott li kien qiegħed jitolbu sabiex ir-*recording* personali ta' Dott Carabott jintefa'. Dott. Carabott irrifjuta u qallu li ġaladarba din kienet laqgħa pubblika u kienet qed tiġi trasmessa live fuq live streaming u ma kienx ser jitfi r-recording.

Fir-rigward ta' dan kollu, fis-6:04pm, s-Sindku talab sospensjoni tal-laqgħa sakemm Dott. Carabott iwaqqaf dan ir-recording.

Fis-6:07pm wasal wieħed mill-membri is-Sur Silvio Vella.

Fis-6:35pm is-Sindku daħal fil-kamra u nforma lill-membri li Dott Carabott għoġbu jinjora l-ordnijiet tas-Sindku u kien propju għalhekk li l-aqgħa kellha tiġi sospiża.

Barra minhekk is-Sindku qal li abbazi tal-Kapitolu 363 tal-Att Dwar Gvern Lokali – Skeda Sitta Artiklu 20

(1) *L-ebda membru waqt laqgħa ma jista' jinjora l-ordnijiet tas-Sindku, itellef ix-xogħol apposta, jew iġib ruħu b'mod irregolari, offensiv jew mhux kif suppost jew b'tali mod li jiskandalizza l-Kunsill jew iġib fuqu stmerrija jew jwaqqgħu għar-ridikolu.*

(2) *Jekk, fl-opinjoni tas-Sindku, membru jkun kiser id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) ta' din l-ordni permanenti, is-Sindku għandu jesprimi dik l-opinjoni lill-Kunsill u wara, kull membru jista' jressaq illi l-membru ma jinstemax iżjed jew illi l-membru msemmi jitlaq mil-laqgħa, u l-mozzjoni, jekk tiġi sekondata, għandha tgħaddi mill-ewwel u mingħajr diskussjoni.*

(3) *Jekk xi waħda mill-mozzjonijiet imsemmija fil-paragrafu (2) ma jiġux obduti, is-Sindku jista' jissosspendi l-laqgħa jew jieħu miżuri oħra kif ikun meħtieġ biex jinfurzahom*

Dr Carabott staqsa lis-Sindku jekk kienx ser jitfi il-laqgħa milli tiġi trasmessa live fuq live streaming.

Is-Sindku ċaħad dawn l-allegazzjonijiet u rrimarka li l-laqgħa kienet xorta qed tiġi mxandra live.

Fis-6.45 is-Sindku aġġorna il-laqgħa sine die.

Konfermati, illum 16 ta' Diċembru, 2019

Stephen Sultana — Michael Mifsud
Sindku — DeputatSegretarju Eżekuttiv